**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. NATASHA GALEA SCIBERRAS**

**Kawża Numru: 165/2014**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit**
**Spettur Nikolai Sant)**

**vs**

**Miriam Borg**
**(ID 0332959(M))**

**Illum, 29 ta' Mejju 2019**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputata **Miriam Borg** ta' 53 sena, bint Antonio u Emily nee` Spiteri, imwielda l-Marsa fis-7 ta' Mejju 1959 u residenti 3, Raymar, Triq Sant'Antnin, Ħamrun, detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numru 0332959(M);

Akkużata talli fis-7 ta' Marzu 2013 ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin:

1) Produċiet, biegħet jew xort'oħra ittraffikat fir-raża meħuda mill-pjanta *cannabis* jew f'xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi dina r-raża, u dan

bi ksur ta' l-Artikolu 8(b) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

2) Kellha fil-pussess tagħha l-pjanta *cannabis* kollha jew biċċa minnha u dan bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

3) U aktar talli bħala persuna li mhux impjegata fil-ħabs Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, mingħajr l-awtorita` leġittima daħħlet jew ippruvat iddaħħal f'xi parti tal-konfini ta' ħabs xi oġġett, ikun li ikun, li huwa projbit skont xi regolamenti magħmula skond dan l-Att, jew ġarret jew ippruvat iġġorr xi oġġett bħal dak barra mill-ħabs, u dan bi ksur tal-Artikolu 7(1) tal-Kap. 260 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex dan il-każ jinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2014, il-Prosekuzzjoni rtirat it-tielet imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-imputata;

Rat ukoll illi l-imputata wieġbet li mhijiex ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha;

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi permezz ta' dawn il-proċeduri, l-imputata Miriam Borg qegħda tiġi akkużata talli fis-7 ta' Marzu 2013 hija kellha fil-pussess tagħha l-pjanta tal-*cannabis* kollha jew biċċa minnha, kif ukoll talli biegħet jew xort'oħra traffikat ir-raża tal-*cannabis,* u dan wara li fil-jum imsemmi, uffiċjali tal-ħabs sabu fil-pussess ta' ċertu Matthew Borg, iben l-imputata, li dak iż-żmien kien detenut ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, sustanza suspettata raża tal-*cannabis*. Jirriżulta wkoll illi qabel din it-tfittxija, kienet għadha kif intemmet żjara lill-istess Matthew Borg minn familjari tiegħu, fosthom ommu, l-imputata odjerna.

In sostenn tal-imputazzjonijiet odjerni, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda f'dawn il-proċeduri:

1. **L-Ispettur Nikolai Sant** xehed illi fis-7 ta' Marzu 2013, għall-ħabta tal-10:30 a.m., PS 285 Jeffrey Cutajar mill-Għassa ta' Raħal Ġdid ġie infurmat mill-*control room* tal-ħabs illi kienet instabet sustanza suspettata droga ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, fuq wieħed mill-priġunieri. Għalhekk PS 285 mar fuq il-post u hemmhekk tkellem ma' PC 1555 George Casha, CO 165 Dennis Thornton u CO 133 Raymond Theuma, ossia l-uffiċjali li kienu nvoluti fis-sejba tas-sustanza suspettata raża tal-*cannabis* fuq id-detenut Matthew Borg, wara li dan kellu *contact visit* ma' ommu, l-imputata odjerna, Stephanie Borg, Rita Muscat, in-nannu tiegħu, Anthony Degiorgio u missieru, Raymond Borg. Jgħid illi huwa ġie mitlub mill-Ispettur Spiridione Zammit sabiex flimkien ikomplu l-investigazzjoni meħtieġa u da parti tiegħu, kien ħa l-istqarrija ta' l-imputata dakinhar stess tas-7 ta' Marzu 2013, liema stqarrija huwa esebixxa bħala Dok. NS.[1] L-istess Spettur xehed ukoll in kontro-eżami.[2]

2. **L-Ispettur Spiridione Zammit** ikkonferma dak li xehed l-Ispettur Sant u dan fis-sens illi nhar is-7 ta' Marzu 2013 għall-ħabta tal-10:30 a.m., PS 285 Jeffrey Cutajar mill-Għassa ta' Raħal Ġdid ġie infurmat dwar sejba ta' sustanza suspettata raża tal-*cannabis* fil-ħabs fuq persuna ta' priġunier, ċertu Matthew Borg, liema sejba saret minn PC 1555 George Casha, CO 165 Dennis Thornton u CO 133 Raymond Theuma. Mill-investigazzjoni, irriżulta illi tali sejba saret wara li dan kellu żjara da parti ta' ommu, l-imputata odjerna, Stephanie Borg, Rita Muscat, nannuh Anthony Degiorgio u missieru Raymond Borg. Jgħid ukoll illi s-sustanza in kwistjoni ġiet mgħoddija lilu u wara li huwa nforma b'dan kollu lill-Maġistrat tal-Għassa, infetħet inkjesta dwar dan il-każ. Iżid jgħid illi in segwitu ġew investigati kemm Matthew Borg, li rrilaxxja stqarrija, kif ukoll Miriam Borg, l-imputata odjerna, li rrilaxxjat stqarrija nhar is-7 ta' Marzu 2013, wara li għażlet li ma tottjenix parir legali qabel l-istqarrija tagħha. L-istess Spettur Zammit xehed ukoll in kontro-eżami.[3]

3. **PS 285 Jeffrey Cutajar** ikkonferma r-rapport li huwa rrediġa dwar dan il-każ esebit bħala Dok. SZ[4] wara li fil-jum in kwistjoni mar ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin u li b'dan kollu kien informa lill-Ispettur Spiridione

[1] Ara din l-istqarrija a fol. 38 sa 40 tal-proċess. Ix-xhieda tal-Ispettur Nikolai Sant tinsab a fol. 35 sa 37 tal-proċess.
[2] Ara a fol. 97 sa 110 tal-proċess.
[3] Ara x-xhieda tal-Ispettur Spiridione Zammit a fol. 42 sa 44 tal-proċess u x-xhieda tiegħu in kontro-eżami a fol. 111 sa 121 tal-proċess.
[4] Dan jinsab esebit a fol. 45 u 46 tal-proċess.

Zammit li kompla bl-investigazzjoni. Skont l-istess rapport, is-sustanza in kwistjoni ġiet mgħoddija lill-Ispettur Zammit.[5]

4. **C0 133 Raymond Theuma** xehed illi nhar is-7 ta' Marzu 2013 huwa kien sejjaħ lid-detenut Matthew Borg sabiex issirlu tfittxija, fil-presenza ta' CO 165 Dennis Thornton u PC 1555 George Casha, liema tfittxija saret ċirka ħames minuti wara li kienet spiċċat żjara ma' numru ta' familjari minn tiegħu. Jgħid illi saritlu *strip search*, waqt liema, hekk kif Borg tbaxxa, dehret biċċa sewda fil-warrani tiegħu. Jgħid ukoll illi kien Borg stess li ġibed dan l-oġġett 'il barra. Ix-xhud jiddeskrivi tali oġġett bħala biċċa sewda ta' kulur iswed ta' ċirka żewġ pulzieri, suspettata *smoke* ossia droga. Jgħid ukoll illi PS 285 mar fuq il-post u s-sustanza ġiet mgħoddija lilu.[6] In kontro-eżami, ix-xhud jgħid illi meta spiċċat iż-żjara, Borg qasam it-triq bejn is-sala tal-visti u l-*main gate* biex jitla' għad-diviżjoni tiegħu u hekk kif daħal fil-*main gate*, huwa talbu sabiex imur miegħu għal tfittxija, għal-liema Borg wieġbu li diġa` kienet saritlu tfittxija, u ddaħħal fil-kamra fejn isiru tali tfittxijiet. Jgħid ukoll illi l-prassi hija li wieħed issirlu tfittxija mill-uffiċjali hekk kif tispiċċa ż-żjara, iżda x'ħin Borg kien sejjer lejn id-diviżjoni tiegħu, huwa waqqfu biex issirlu tfittxija. Jgħid ukoll illi din it-tfittxija m'għandha x'taqsam xejn mat-tfittxija li normalment ssir eżattament kif tispiċċa ż-żjara, għalkemm huwa ma setax jikkonferma li din kienet saret stante li ma kienx preżenti. Jispjega wkoll ix-xhud illi f'dan il-każ, Borg qasam mill-binja l-ġdida ġewwa l-ħabs fejn tinsab is-sala tal-viżti għall-binja l-qadima, fejn kien qed jinżamm u li ma kienx skortat. Jgħid ukoll illi huwa kien rah ġej waħdu mis-sala tal-viżti u miegħu ma kien hemm ħadd.[7]

5. **PC 1555 George Casha** u **CO 165 Dennis Thornton** ukoll xehdu dwar it-tfittxija li twettqet fuq il-persuna ta' Matthew Borg, waqt liema tfittxija nstabet sustanza suspettata droga (*smoke*) fil-warrani tiegħu. Huma kkonfermaw illi s-sustanza in kwistjoni hija dik li tidher fir-ritratti esebiti fil-proċess verbal.[8] In kontro-eżami ix-xhud Dennis Thornton jgħid li t-tfittixja li twettqet minnhom kienet it-tieni tfittxija wara ż-żjara, u dan peress illi hija l-prassi li malli tispiċċa ż-żjara ssir *strip search* lill-priġunier, għalkemm f'dan il-każ ma jafx saritx għax ma kienx preżenti. Jgħid ukoll illi mill-post li fih normalment issir l-ewwel tfittxija sal-post fejn saret it-tieni tfittxija, Borg

[5] Ara x-xhieda ta' PS 285 Jeffrey Cutajar, a fol. 47 sa 49 tal-proċess.
[6] A fol. 50 sa 53 tal-proċess.
[7] Ara x-xhieda in kontro-eżami a fol. 79 sa 86 tal-proċess.
[8] Esebit a fol. 11 *et seq* tal-proċess.

kellu jaqsam il-*prison ground*. Jgħid illi lilu kienu tawh struzzjonijiet sabiex hekk kif Borg jasal lura miż-żjara, issirlu *strip search,* liema tip ta' tfittxija issir *at random* jew in vista ta' xi suspett jew informazzjoni.[9]

6. **PS 239 Joseph Caruana** xehed li huwa kien ġie nominat bħala *Scene of Crime Officer* fil-mori tal-Inkjesta Maġisterjali li saret dwar dan il-każ u kkonferma r-relazzjoni tiegħu li tinstab esebita a fol. 19 *et seq* tal-proċess verbal.[10]

7. **Ritalee Muscat**, oħt ir-raġel tal-imputata xehdet dwar iż-żjara li kienet saret lil Matthew Borg flimkien mal-familjari tiegħu ossia ommu, missieru, nannuh, oħtu u skont hi, anke zijuh iżda ma tiftakarx id-data taż-żjara anke għaliex tgħid illi kemm il-darba marret tarah u hi ma kinitx taf b'dan l-inċident sakemm irċeviet it-taħrika biex tixhed f'dawn il-proċeduri.[11]

8. **L-Ispiżjar Mario Mifsud**, maħtur fil-mori tal-inkjesta dwar dan il-każ, irrefera għall-konklużjonijiet tiegħu fir-relazzjoni minnu ppreżentata u esebita fil-proċess verbal ossia illi s-sustanza ta' lewn kannella, f'ammont nett totali ta' 3.61 grammi, instabet li kienet raża tal-*cannabis*. Fl-istess sustanza nstabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol (THC)* f'purita` ta' ċirka 6.7%. Is-sustanza *THC* hija s-sustanza psikotropika primarja tal-pjanta tal-*cannabis*, liema pjanta hija kkontrollata bil-liġi taħt Taqsima III, Sezzjoni 8 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.[12]

Xehdet ukoll minn jedda, l-imputata **Miriam Borg** li tgħid illi hija kienet iżżur lill-binha Matthew Borg il-ħabs darbtejn fil-ġimgħa u li kienet assoġġettata għal tfittxija f'kull żjara li għamlet, fil-waqt li żżid tispjega illi fil-jum in kwistjoni, kienet saritilha tftittxija iżjed intensiva mis-soltu stante li f'dik l-istess ġimgħa kienet instabet xi droga fil-ħabs. Tgħid illi dakinhar lil binha marru jżuruh fil-ħabs hi flimkien ma' żewġha, bintha, missierha u oħt żewġha. Tispjega kif issir iż-żjara u b'mod partikolari li din issir taħt is-sorveljanza ta' diversi gwardjani tal-ħabs. Tgħid illi dakinhar tas-7 ta' Marzu 2013 wara ż-żjara, hija kienet irċeviet telefonata għall-ħabta tal-4:30 p.m., fejn ġiet mitluba tmur id-*depot* u hemmhekk ġiet infurmata illi fuq il-persuna ta' binha Matthew Borg kienet instabet id-droga u li hu kien weħħel fiha. Tgħid li hi kienet ixxukjata peress illi lanqas kienet taf li binha jieħu d-droga.

[9] Ara x-xhieda in eżami ta' PC 1555 George Casha, a fol. 54 sa 57 tal-proċess u x-xhieda in eżami u in kontro-eżami ta' CO 165 Dennis Thornton, a fol. 58 sa 61 tal-proċess u a fol. 87 sa 91 tal-proċess.
[10] Ara a fol. 64 u 65 tal-proċess.
[11] Ara a fol. 66 sa 72 tal-proċess.
[12] Ara din ir-relazzjoni a fol. 26 tal-proċess.

Hija tgħid illi fiċ-ċirkostanzi li sabet ruħha fihom, u bl-atteġjament tal-uffiċjali investigaturi waqt l-investigazzjoni b'mod partikolari stante illi ngħad lilha illi kemm il-darba ma tammettix kienu ser jiġu arrestati l-familjari tagħha, hija kienet kostretta tammeti li kienet tassew hi li kienet forniet lil binha b'dik is-sustanza. Skont l-imputata, l-istqarrija rilaxxjata minnha m'għandhiex mis-sewwa u hija riedet biss tipproteġi lill-familja tagħha.[13]

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti tosserva fl-ewwel lok illi mill-konklużjonijiet tal-espert l-Ispiżjar Mario Mifsud, jirriżulta illi s-sustanza misjuba fil-pussess ta' Matthew Borg fil-jum in kwistjoni kienet raża tal-*cannabis*, kif jidher ukoll mir-ritratt tal-istess sustanza esebit in atti[14]. Hawnhekk issir referenza għat-tieni imputazzjoni kif dedotta kontra l-imputata, skont liema hija qegħda tiġi akkużata illi fis-7 ta' Marzu 2013, kienet fil-pussess tal-pjanta tal-*cannabis* kollha jew biċċa minnha, bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Ma hemmx dubju illi fin-nuqqas ta' prova fl-atti fis-sens illi l-imputata kellha fil-pussess tagħha l-pjanta tal-*cannabis* fl-imsemmi jum, din il-Qorti ma tistax issib ħtija fl-imputata dwar din l-imputazzjoni. Għaldaqstant, it-tieni imputazzjoni ma tirriżultax sodisfaċentement ippruvata.

Permezz tal-ewwel imputazzjoni, l-imputata qegħda tiġi akkużata bir-reat ta' traffikar tar-raża tal-*cannabis* u dan in kwantu skont it-teżi tal-Prosekuzzjoni kienet l-imputata illi nhar is-7 ta' Marzu 2013, waqt żjara fil-ħabs lil binha Matthew Borg, dak iż-żmien priġunier ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, hija forniet lill-istess binha bir-raża tal-*cannabis* li nstabet fuq il-persuna tiegħu ftit tal-ħin wara din iż-żjara. Huwa evidenti illi sabiex din il-imputazzjoni tirnexxi jeħtieġ li jiġi stabbilit, lil hinn minn kull dubju raġjonevoli, illi d-droga hekk misjuba fuq il-persuna ta' Borg ġiet ikkonsenjatha lilu minn ommu, l-imputata Miriam Borg. Fin-nuqqas ta' tali prova, il-Qorti ma tistax issib lill-imputata ħatja ta' din l-imputazzjoni.

Mit-trattazzjoni tal-Uffiċjal Prosekutur jirriżulta ċar illi l-Prosekuzzjoni qegħda tistrieħ fuq l-istqarrija rilaxxjata mill-imputata.

**Ikkunsidrat:**

Illi kif ingħad iżjed 'il fuq, jirriżulta illi l-imputata rrilaxxjat l-istqarrija tagħha lill-Pulizija Eżekuttiva nhar is-7 ta' Marzu 2013, wara li ngħatat s-solita twissija skont

---

[13] A fol. 133 sa 139 tal-proċess.

[14] Ara a fol. 24 tal-proċess.

il-liġi, kif ukoll id-dritt li tottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tagħha, liema dritt hija għażlet li ma teżerċitahx. L-imputata ma ngħatatx id-dritt li tkun assistita minn avukat waqt l-interrogatorju tagħha u dan stante illi tali dritt daħal fis-seħħ fit-28 ta' Novembru 2016, permezz tal-Avviż Legali 401 tal-2016.

Il-Qorti hawnhekk tirreferi għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2018, fl-ismijiet **<u>Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et</u>**, f'liema każ fl-istqarrijiet tiegħu, ir-rikorrenti minkejja li qabel irrilaxxja l-ewwel stqarrija, kien ingħata parir mingħand l-avukat tiegħu li f'dak l-istadju ma jgħid xejn lill-pulizija, huwa xorta waħda rrisponda għad-domandi waqt l-interrogatorju li sarlu, bir-riżultat li stqarr fatti li kienu inkriminanti għalih, in kwantu ammetta li kien jixtri d-droga kemm għall-użu personali tiegħu, kif ukoll sabiex ibiegħ minnha lil terzi. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrijiet rilaxxjati mill-istess rikorrenti mingħajr il-jedd ta' assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu:

"*36. Mill-premess jirrizulta manifest li l-istqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent ser ikollhom kif fil-fatt gja` kellhom quddiem il-Qorti Kriminali impatt fil-proceduri kriminali, mhux in kwantu ghall-ammissjonijiet, izda in kwantu l-kontenut taghhom kien ittiehed in konsiderazzjoni fil-quantum tal-piena imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, u issa huwa car li anke l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tiehu konsiderazzjoni tal-kontenut tal-istqarrijiet f'dan ir-rigward. Ghalhekk, ghalkemm il-proceduri kriminali ghadhom pendenti u ghalhekk ma jistax f'dan l-istadju jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni ta' smigh xieraq f'dawk il-proceduri, jekk l-istqarrijiet jithallew fil-process tal-proceduri kriminali, dawn wisq probabbilment ser isir uzu minnhom mill-Qorti tal-Appell Kriminali bi pregudizzju jew vantagg ghall-akkuzat fil-kwantifikazzjoni tal-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll ghal dak li tirrigwarda l-multa li tista' tigi imposta.*

*37. Fid-dawl tal-premess <u>it-tehid tal-istqarrijiet zgur li ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u, ladarba dan isir, x'aktarx ser isir ksur tad-dritt tal-rikorrent ghal smigh xieraq tenut kont tal-fatt li dawn gew rilaxxjati mir-rikorrent fl-assenza ta' avukat li jassistih</u>. Ghalhekk huwa xieraq li, filwaqt li f'dan l-istadju ma jistax jinghad jekk kienx hemm lezjoni ta' dan id-dritt fundamentali tar-rikorrent peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, dawn ma jithallewx jibqghu fl-inkartament tal-process kriminali.*" [sottolinear tal-Qorti]

Allura minkejja illi r-rikorrenti f'dak il-każ, kien ingħata l-jedd li jikkonsulta ma' avukat qabel l-ewwel interrogatorju tiegħu u anke eżerċita dan il-jedd, il-Qorti ordnat illi l-istqarrijiet tiegħu ma jitħallewx fl-inkartament la darba kien ser ikollhom

impatt fuq l-eżitu tal-proċess kriminali u dan stante illi ma ngħatax il-jedd għall-assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu. Din kienet ukoll il-konklużjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminal fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Novembru 2018, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Claire Farrugia**, f'liema każ dik il-Qorti skartat bħala inammissibbli l-istqarrijiet tal-imputata, waħda minnhom ġuramentata, u dan għaliex għalkemm hija ngħatat id-dritt li tottjeni parir legali qabel l-istqarrijiet tagħha, liema dritt bħal fil-każ odjern hija għażlet li ma teżercitahx, madankollu hija ma ngħatatx id-dritt li tkun assistita minn avukat waqt l-interrogatorji li sarulha u dan stante li dan id-dritt ma kienx għadu viġenti fiż-żmien in kwistjoni. Fl-istess sens hija s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emad Masoud** tas-16 ta' Mejju 2019.

Fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella** tal-14 ta' Diċembru 2018, f'liema każ l-appellat kien ingħata l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogotarju tiegħu u anke eżerċitah, iżda ma ngħatax il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt dan l-interrogatorju, stante illi anke f'dak il-każ, fiż-żmien in kwistjoni, dan il-jedd ma kienx viġenti fil-liġi Maltija, il-Qorti Kostituzzjonali reġgħet irribadiet il-konklużjonijiet tagħha fis-sentenza preċedenti fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**:

"*14. Għalkemm, bħall-ewwel qorti, taqbel mal-appellanti illi f'dan l-istadju għadu ma seħħ l-ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, madankollu, kif osservat fil-każ ta' Malcolm Said, il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu.*"

Fid-dawl ta' dawn is-sentenzi u anke tal-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna u tal-Qorti Ewropea hemmhekk ċitati, il-Qorti ser tiskarta bħala inammissibbli l-istqarrija tal-imputata odjerna, kif ukoll ir-referenzi varji li jagħmlu l-Ispettur Spiridione Zammit u l-Ispettur Nikolai Sant għall-fażi tal-investigazzjoni u dak mistqarr mill-imputata f'dan l-istadju.

Hawnhekk irid jingħad ukoll illi jeħtieġ li din il-Qorti tiskarta wkoll dak li x-xhieda tal-Prosekuzzjoni jgħidu li stqarr magħhom Matthew Borg u dak li ddikjara l-istess

Borg fl-istqarrija rilaxxjata minnu fil-jum in kwistjoni. Ai termini tal-Artikolu 661 tal-Kap. 9: "*Konfessjoni ma tagħmilx prova ħlief kontra min jagħmilha, u mhix ta' preġudizzju għal ebda persuna oħra*." La darba Borg ma nġabx bħala xhud f'dawn il-proċeduri, fejn allura kienu jiskattaw id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 30A tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, dak li stqarr Borg ma jistax jikkostitwixxi prova fil-konfront tal-imputata odjerna.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Skartata l-istqarrija tal-imputata, jeħtieġ illi l-Qorti teżamina r-rimanenti provi, li a bażi tagħhom għandha tevalwa l-ewwel imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-istess imputata.

Jirriżulta mix-xhieda tal-imputata, li dwar dan il-punt m'hijiex kontestata, illi fil-jum in kwistjoni saritilha tfittxija ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, qabel iż-żjara tagħha lil binha Matthew Borg, liema tfittxija skont hi, kienet iżjed intensiva minn dik tas-soltu. Ma jirriżultax illi waqt din it-tfittxija, instabet xi droga fuq il-persuna tagħha u effettivament, li kieku dan kien minnu, ma kinitx titħalla tkompli biż-żjara tagħha. Id-difiża tisħaq illi din hija prova bastanti tal-fatt illi l-imputata ma kinitx qegħda ġġorr droga fuq il-persuna tagħha u żżid tgħid illi konkluzjoni kuntrarja tikkonferma sitwazzjoni fażulla ġewwa l-istess Faċilita`.

Il-Qorti ma tqisx illi din il-prova waħediha tikkostitwixxi prova konklussiva tal-fatt illi l-imputata ma kienetx qed iġġorr is-sustanza li sussegwentement instabet fil-pussess ta' Matthew Borg. Tqis madanakollu illi f'dawn iċ-ċirkostanzi kien jispetta lill-Prosekuzzjoni sabiex tressaq prova konvinċenti sabiex tegħleb il-presunzjoni mnissla b'riżultat ta' tfittxija b'eżitu negattiv. Il-Qorti tqis ukoll fir-rigward illi kienu <u>diversi l-familjari</u> li fl-istess ħin, flimkien mal-imputata odjerna, żaru lil Matthew Borg u li fuqhom, skont l-istess imputata u anke kif inhi l-prassi ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, ukoll saret tftittxija.

Il-Qorti tqis ukoll żewġ fatturi oħra li jemerġu mill-atti proċesswali. Jirriżulta illi hija prassi ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, li ssir tfittxija fuq priġunier appena tispiċċa *contact visit*. Għalkemm f'dan il-każ ħadd mill-uffiċjali tal-ħabs li xehdu kien f'qagħda li jgħid jekk din kinitx saret fil-każ odjern stante li ma kinux preżenti għal tali tfittxija, CO 133 Theuma jgħid illi meta huwa sejjaħ lil Matthew Borg sabiex jagħmillu tfittxija, dan wieġbu li din kienet diġa` saritlu. Issa veru li Borg ma xehedx f'dawn il-proċeduri u allura dak li jgħid CO 133 dwar dak li qallu Borg jibqa' biss *detto del detto*, b'dan illi għalhekk jikkonstitwixxi biss prova li dak il-kliem intqal u mhux tal-veraċita` tiegħu. Biss tenut kont tal-fatt illi l-uffiċjali tal-

ħabs jikkonfermaw illi tali tfittxija hija prassi solita fil-ħabs, abbinat mad-diskors ta' Borg, wieħed jista' jikkonkludi illi iżjed iva milli le, tali tfittxija saret. In oltre jirriżulta wkoll illi Borg mexa waħdu, mingħajr ma kien skortat minn uffiċjal tal-ħabs, mis-sala tal-viżitaturi sal-*main gate* tad-diviżjoni li fiha kien qiegħed jinżamm.

Kunsiderazzjoni ulterjuri hija dwar fejn instabet din is-sustanza, u ċioe` fil-warrani ta' Matthew Borg imgeżwra ġo plastik trasparenti. Ai termini ta' dak prospettat mill-Prosekuzzjoni, l-imputata kienet provdiet lil Matthew Borg bis-sustanza ġewwa s-sala tal-viżitaturi fejn l-istess Borg, fil-presenza ta' diversi gwardjani tal-ħabs li xogħolhom kien li jissorveljaw din iż-żona, daħħal bil-għan li jostor, din is-sustanza fil-warrani tiegħu. Ma hemmx dubju li sabiex jagħmel dan, waqt li kien bilqegħda mdawwar bil-familjari tiegħu, fil-presenza ta' viżitaturi oħrajn u saħansitra l-gwardjani tal-ħabs, Borg kellu b'xi mod jinża, almenu in parti, ħwejjġu u jimmanuvra sabiex ikun jista' jdaħħal din is-sustanza fejn eventwalment instabet. Il-Qorti tistaqsi kemm kien possibbli li dan isir mingħajr ma jitqajjem ebda suspett? Huwa evidenti li sabiex seta' jagħmel dawn il-manuvri, Borg kellu bżonn ftit tal-ħin li fih jostor is-sustanza mingħajr ma jqajjem suspett.

F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoin ma ressqitx provi suffiċjenti li jeliminaw kull dubju dettat mir-raġuni dwar l-allegata ħtija tal-imputata odjerna. Minkejja li jirriżulta illi fil-pussess ta' Matthew Borg instabet ir-raża tal-cannabis, ma jirriżultax fil-grad rikjest mil-liġi illi fil-jum in kwistjoni, din ġiet fornita lilu mill-imputata odjerna.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputata **Miriam Borg** mhux ħatja tal-ewwel żewġ imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha u qegħda tilliberaha minnhom.

Stante illi t-tielet imputazzjoni ġiet irtiratha mill-Prosekuzzjoni, il-Qorti qegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imputazzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat